MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 246/2007

**Stephen Saliba f'isem Infected Promotions, Liam Carabott, Miriam u Lawrence konjugi Carabott**

**vs**

**FMA Limited bhala operatur ta' Fresh Music Agency**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-10 t'Awissu tas-sena 2007 li permezz tieghu ir-rikorrenti sejhu lis-socjeta' intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi tirrifondi s-somma ta' tlett elef, hames mija u hamsin Lira Maltin, (Lm3,500.00,0), ekwivalenti ghal tmint elef, mija u tnejn u hamsin Ewro u wiehed u tmenin centezmu, (€8,152.81), imhallsa lis-socjeta' intimata skond kuntratt datat l-14 ta' Settembru tas-sena

2006 izda l-oneri ma gewx onorati stante, inklussivament, li s-ervizzi rikjesti ma gewx prestati;

2. Bl-ispejjez, inkluza dik ta' l-ittra ufficcjali datata 3 ta' April tas-sena 2007 u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata datata l-25 ta' Settembru tas-sena 2007 li permezz taghha eccepixxa verbatim is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, f'Malta ma jezisti ebda korp bi personalita' guridika distinta aventi l-isem ta' Infected Promotions, biex b'hekk l-att promotur kif pprezentat minn Stephen Saliba proprio huwa nieqes minn partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mill-ligi u senjatament mill-artikli 171 (1) u 181A (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema nuqqas ma jistax jissewwa salv b'tibdil fis-sustanza ta' l-azzjoni billi tigi ntrodotta attrici minflok assenza ta' attrici. Ghaldaqstant, l-att promotur kif ipprezenat minn Stephen Saliba nomine, huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta' l-artikolu 789 (1) (d) ta' l-istess Kapitolu 12 hawn qabel imsemmi;

2. Illi preliminarjament ukoll, hemm assenza ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta' eccipjenti u l-atturi Liam Carabott (detentur ta' l-karta ta' l-identita' bin-numru 94687 (M)), Miriam Carabott, (detentrici ta' l-karta ta' l-identita bin-numru 378762 (M)) u Lawrence Carabott (detentur ta' l-karta ta' l-identita' bin-numru 541460 (M)), u dan stante li fl-14 ta' Settembru tas-sena 2006 ma kienet giet ifffirmata ebda skrittura bejn is-socjeta' eccipjenti u l-istess atturi Carabott;

3. Illi fil-mertu, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li Stefan Saliba kien responsabbli ta' nuqqas kuntrattwali li wassal ghat-terminazzjoni ipso jure ta' l-iskrittura privata datata 14 ta' Settembru tas-sena 2006;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokument esebit;

Ezaminat in-nota tar-rapprezentanti legali tar-rikorrenti, limitatament ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari sollevati mis-socjeta’ intimata;

Ezaminat in-nota responsiva tas-socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari sintetikament jaffermaw is-segwenti:

1. Illi l-allegata entita’ ndikata mill-attur Stephen Saliba bl-isem ta’ “Infected Promotions” ma tezistix;

2. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ intimata u l-atturi Saliba nomine u Carabott;

Ikkunsidrat:

Illi jigi immedjatament sottolineat ghall-ekonomija tal-gudizzju li t-tieni eccezzjoni fuq indikati hi effettivament wahda li tirrikjedi analizi tal-meritu ta’ din il-kawza stante li jrid jigi ezaminat x’relazzjoni fattwali kienet tezisti bejn il-partijiet biex b’hekk tkun tista’ tigi rizolta l-lanjanza;

Ghaldaqstant, din il-qorti qed tiddikjara li qed tirrizerva d-decizjoni taghha fir-rigward wara li tisma’ l-provi li l-partijiet joghgobhom jipprezentaw biex b’hekk tkun tista’ taghmel l-analizi fattwali taghha;

Illi konsegwentement tordna li jinstemghu wkoll il-provi rigward it-tieni eccezzjoni fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni jigi rilevat is-segwenti:

1. Illi s-socjeta’ intimata qed tallega li l-entita’ li f’isimha qed jagixxi r-rikorrent Saliba effettivament ma tezistix;

2. Illi effettivament ma tirrizulta l-ebda socjeta’ jew assocjazzjoni registrata b’dan l-isem ma’ l-Awtorita’ tas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti, stabbilit dan bhala stat ta’ fatt, l-attur Saliba m’gahndu l-ebda locus standi f’din il-procedura u allura ma jista’ jippromwovi l-ebda istanza f’isem entita’ inezistenti;

Ghaldaqstant, din il-qorti tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Stephen Saliba nomine kif hawn vantati kontra s-socjeta’ intimata, bl-ispejjez;

Tordna l-prosegwiment tal-kawza u tirrizerva li taghti dawk id-direzzjonijiet necessarji fl-udjenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------